**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 1239/2019 AF**

**Fenlex Corporate Services Limited bin-numru tar-registrazzjoni (C-25993)**

**vs**

**ILS Fiduciaries (Switzerland) SaRl kumpannija registrata fl-Isvizzera ta' Rue De Clos 21, First Floor, Geneva 1207, Svizzera, u b'digriet tad-9 ta' Frar, 2021 l-isem imbidel ghal Amity Partners Sarl**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Karl Diacono fil-kwalità tieghu ta' Direttur tal-kumpanija Fenlex Corporate Services Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija "Corporate Service Provider" li tipprovdi servizzi ta' *corporate services* lil diversi kumpanniji u fondazzjonijiet fosthom *accountancy*, *directorship services*, *key officials services*, *company secretarial*, *compliance*, *company maintenance* u ohrajn.

Hafna minn dawn is-servizzi jinghataw lill-ishmatarji u beneficcjarji barranin illi jifthu kumpanniji jew fondazzjonijiet f'Malta diversi oqsma u li jkollhom bzonn assistenza professjonali ghas-servizzi relatati mal-kumpannija u fondazzjonijiet taghhom gewwa Malta.

Is-socjetà intimata hija socjetà li taghti servizzi professjonali madwar id-dinja u hija bbazata gewwa Geneva fl-Isvizzera.

Is-socjetà intimata hija s-sid ahhari jew UBO (Ultimate Beneficial Owner) tal-kumpaniji u fondazzjonijiet One Data Group Limited (C-76345), Professional Business Exchange Limited (C-69752), Urano Realty Ltd (C-72926), Ashleigh Armstrong Services Limited (C-70909), PBE Foundation u Montana Foundation.

Is-socjetà intimata uzat is-servizzi tal-kumpannija rikorrenti li offriet numru ta' servizzi inkluz, formazzjoni ta' kumpanniji kif ukoll il-manutenzjoni tal-kumpanniji, amministrazzjoni ta' fondazzjoni u diversi servizzi ohra sabiex jibqghu joperaw *in good standing* u in ottempranza mal-ligi Maltija senjatament l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala *UBO* tal-kumpanniji u fondazzjonijiet fuq imsemmija, u bhala klijenta ahhara tas-socjetajiet rikorrenti, s-socjetà intimata ffirmat sitt kuntratti msejha "Services and Indemnity Agreements" ddatati 26 ta' Marzu 2015, 18 ta' Mejju 2015, 2 ta' Gunju 2015, 3 ta' Gunju 2015, 3 ta' Gunju 2015 u 2 ta' Marzu 2016 (hawn annessi u mmarkati bhala Dok. FCS 1, Dok. FCS 2, Dok. FCS 3, Dok. FCS 4, Dok. FCS 5, Dok. FCS 6) rispettivament, f'liema klawsola 7 ta' Dok. FCS 1, Dok. FCS 2, Dok. FCS 3, Dok. 6 u klawsola 6 ta' Dok. FCS 4 u Dok. FCS 5 hemm indikat li s-socjetà konvenuta qeghda taccetta l-obbligu li thallas l-ammonti hekk kif indikati fl-istess kuntratti.

Għaldaqstant hija ikkostitwixxiet ruħha versu s-soċjetajiet rikorrenti bħala debitriċi ta' dejn ċert, likwidu u dovut favur ir-rikorrenti illi ġiet invoiced matul diversi xhur, dawn l-invoices annessi bħala Dok. FCS 7 sa Dok. FCS 25.

It-total dovut lis-soċjetà rikorrenti huwa s-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija sitta u sebgħin u seba u sebgħin ċentezmu (€32,676.77).

F'dan il-kuntratt hemm miktub b'mod ċar u inekwivoku, illi l-'*Indemnifier*' (is-soċjetà intimata) għandha tħallas jew tirrendi pagament lill-kumpannija rikorrenti, għas-servizzi li ngħataw lilha (u lis-soċjetajiet tagħha).

Nonostante interpellata diversi drabi sabiex teffetwa l-ħlas relattiv, is-soċjetà ntimata baqgħet inadempjenti.

Minkejja li r-rikorrenti talbu lis-soċjetà intimata b'ittra bonarja li ntbagħtet fil-25 ta' Settembru 2019, annessa hawn u mmarkata bħala Dok. FCS 26, sabiex jitħallsu l-flus dovuti, huma baqgħu inadempjenti.

Dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u għandu jitħallas lis-soċjetà rikorrenti fit-termini tal-kuntratt fuq imsemmi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija sitta u sebgħin Ewro u seba' u sebgħin ċentezmu (€32,676.77) oltre l-imgħax legali mid-data tal-invoices rapprezentanti servizzi reżi mis-soċjetajiet atturi.

2. Tikkundanna lill-istess soċjetà intimata, sabiex tħallas is-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija sitta u sebgħin Ewro u seba' u sebgħin ċentezmu (€32,676.77) oltre l-imgħax legali mid-data tal-invoices rapprezentanti servizzi reżi mis-soċjetajiet atturi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li s-socjetà intimata, minkejja li saret lilha d-debita notifika tramite l-ufficcju tal-Avukat Generali, baqghet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Ikkunsidrat illi doveruz ghal din il-Qorti tenfasizza l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja mhijiex meqjusa bhala ammissjoni tat-talba. Jibqa' ghalhekk jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova b'kull mezz li tippermetti l-ligi l-allegazzjoni tieghu.

Mill-provi prodotti, kemm dawk dokumentarji kif ukoll ix-xhieda ta' Karl Diacono, direttur tas-socjetà rikorrenti, tirrizulta pruvata t-talba tal-istess socjetà, u dan sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi Amity Partners Sarl hija responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija sitta u sebghin Ewro u seba' u sebghin centezmu (€32,676.77) oltre l-imghax legali mid-data tal-invoices rapprezentanti servizzi rezi mis-socjetajiet atturi;

Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-istess socjetà intimata, sabiex thallas is-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija sitta u sebghin Ewro u seba' u sebghin centezmu (€32,676.77) oltre l-imghax legali mid-data tal-invoices rapprezentanti servizzi rezi mis-socjetajiet atturi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Amity Partners Sarl.

IMHALLEF

DEP/REG